MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2014

Numru. 330/1995

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**-vs-**

**Samuel sive Sammy Meilaq**
**Alfred Micallef**
**Vincent Azzopardi**
**Joseph Saliba**
**Augustus Debono**
**Charles Meilaq**
**Paul Attard**
**Lino Debono**
**Raymond Vassallo**
**Salvino sive Saviour Degiovanni**
**Victor Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati:

Samuel sive Sammy Meilaq, bhala Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks ta' 46 sena, iben Anthony u Ludgarda nee` Delceppo, imwieled Bormla fid-9 ta' April 1949 u joqghod fl-indirizz nru. 17, Flat 1, Triq Sir Luigi Preziosi, il-Furjana (ID 344549(M));

Alfred Micallef, bhala Deputy Chairman tal-Malta Drydocks, ta' 54 sena, iben Consiglio u Carmela nee` Darmanin, imwieled l-Imgarr, Malta, fil-5 ta' Marzu 1941 u joqghod fl-indirizz nru. 112, 'Utopia House', Govt. Housing Estate, il-Mosta (ID 197241(M));

Vincent Azzopardi, bhala membru tal-Kunsill tal-Malta Drydocks ta' 34 sena, iben Joseph u Mary nee` Genovese, imwieled Hal-Qormi fit-3 ta' Frar 1961 u joqghod fl-indirizz 'Villa Anici', Dawret l-Imqabba, Mqabba (ID 136361(M));

Joseph Saliba, bhala membru tal-Kunsill/Safety Officer tal-Malta Drydocks ta' 46 sena, iben Carmel u Concetta nee` Grec, imwieled Hal Tarxien fis-6 ta' Lulju 1948 u joqghod fl-indirizz nru. 372, Flat 1, Zabbar Road, Fgura (ID 604048(M));

Augustus Debono, bhala membru tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, ta' 46 sena, iben Carmel, imwieled B'Kara fit-2 ta' Awissu 1944 u joqghod fl-indirizz 'Il-Palma', nru. 43, Mill Street, il-Mosta (ID Nru. 679044(M));

Charles Meilaq, bhala membru tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, ta' 46 sena, iben Laurence, imwieled in-Nadur, Ghawdex u joqghod fl-indirizz, 'Isabelle Flats', Flat 1, Borg Street, Fleur de Lys, B'Kara, imwieled fit-30 ta' Gunju 1948 (ID Nru. 50748(M));

Paul Attard, bhala membru tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, ta' 27 sena, iben Louis u joqghod fl-indirizz 'Gesu' Ipprotegina', Alfred C. Zammit Street, iz-Zejtun, imwieled fl-1 ta' Novembru 1967 (ID 596046(M));

Lino Debono, bhala membru tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, ta' 51 sena, iben Joseph u joqghod fl-indirizz Plot 26, Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex, imwieled fit-23 ta' Dicembru 1943, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 89443(M);

Raymond Vassallo, bhala Plant and Services Manager il-Malta Drydocks, ta’ 39 sena, iben Anthony, imwieled tal-Pieta` fil-21 ta’ Frar 1956 u joqghod fl-indirizz 55, ‘Mirage’, Sir Antonio Micallef Street, Hal Balzan (ID Nru. 167056(M));

Salvino sive Saviour Degiovanni, bhala Mechanical Plant Manager il-Malta Drydocks ta’ 59 sena, iben Thomas u Antonia nee` Bartolo, imwieled Bormla fit-30 ta’ April 1936 u joqghod fl-indirizz nru. 43, Sisters Street, Paola (ID 368836(M)); u

Victor Cassar bhala Foreman tal-Plants, il-Malta Drydocks, ta’ 56 sena, iben Joseph u Mary nee` Leeks, imwieled Bormla fit-13 ta’ Dicembru 1938 u joqghod fl-indirizz nru. 2, ‘Massabielle’, William Lassell Street, Fgura (ID 414756(M));

Akkuzati talli:

Fil-25 ta’ Mejju 1993, fil-Malta Drydocks, Bormla, fil-kapacita` taghhom bhala membri ewlenin tal-Management kollettiv/Kunsill ta’ din il-Korporazzjoni, ghall-habta ta’ xi d-8.40 ta’ filghodu, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi (per durata), fuq il-persuni ta’ Joseph Fenech miz-Zejtun u ta’ Anthony Camilleri mis-Siggiewi, u dan bi ksur tal-Artikolu 226 tal-Kap. 9.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi fis-seduti tat-8 ta’ April 2013 u tal-24 ta’ Gunju 2013 rispettivament, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’dan il-kaz sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2014, il-kawza giet differita ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat**:

1. Illi ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio* u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

2. Illi l-imputati jinsabu akkuzati talli fil-25 ta' Mejju 1993, fil-Malta Drydocks, Bormla, fil-kapacita` taghhom bhala membri ewlenin tal-Management kollettiv/Kunsill ta' din il-Korporazzjoni, ghall-habta ta' xi d-8.40 ta' filghodu, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunaw feriti ta' natura gravi (per durata), fuq il-persuni ta' Joseph Fenech miz-Zejtun u ta' Anthony Camilleri mis-Siggiewi, u dan bi ksur tal-Artikolu 226 tal-Kap. 9.

3. Illi ai termini tal-Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena applikabbli ghar-reat in kwistjoni, fiz-zmien mertu tal-kaz odjern u cioe` qabel id-dhul fis-sehh tal-Att III tas-sena 2002 li emenda dan l-artikolu tal-ligi, kienet dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur. Ghal kull buon fini, jinghad ukoll illi l-piena applikabbli taht l-Artikolu 226(1)(a), fiz-zmien in kwistjoni, kienet ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur.

4. Ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

   "*(e) bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet*".

5. Issa f'dan il-kaz, l-imputati kollha, hlief ghall-imputat Lino Debono, dehru l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-5 ta' Gunju 1995. Fl-atti m'hemm l-ebda riferta li tindika d-data li fiha huma gew notifikati sabiex jidhru ghal din is-seduta. Jirrizulta wkoll mir-riferta esebita a fol. 10 tal-process, illi l-imputat Lino Debono kien gie notifikat sabiex jidher ghall-imsemmija seduta fl-24 ta' Mejju 1995 u ghalhekk, entro sentejn mid-data tal-allegat reat. Fir-rigward tal-imputati l-ohrajn, madankollu, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **Pulizija vs Bartholomew Bonnici** fejn f'dawn ic-cirkostanzi, fejn ma kien hemm l-ebda riferta tan-notifika tal-imputat sal-ewwel seduta li fiha huwa deher quddiem il-Qorti, dik il-Qorti qieset illi l-unika data li setghet torbot fuqha ghal fini ta'

notifika kienet dik tal-ewwel seduta li deher fiha, fejn bil-presenza tieghu, l-imputat kien qed jikkonferma tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Kwindi stante li sa dakinhar kien skada t-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli f'dak il-kaz, il-Qorti ddikjarat l-azzjoni bhala preskritta. Huwa evidenti illi dan japplika wkoll fil-kaz odjern fil-konfront tal-imputati kollha, hlief ghall-imputat Lino Debono u dan ghaliex jirrizulta car illi fil-waqt illi m'hemm l-ebda riferta tan-notifika taghhom fil-process li tindika d-data li fiha huma gew notifikati l-ewwel darba, l-ewwel dehra taghhom f'dawn il-proceduri kienet dik tal-5 ta' Gunju 1995 u ghalhekk izjed minn sentejn wara d-data tal-incident de quo.

6. In oltre irid jinghad ukoll illi sussegwentement, wara numru ta' seduti li fihom jew dehru l-imputati kollha, jew xi whud minnhom, jew ma deher hadd, jirrizulta illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1996, deher biss l-imputat Lino Debono. Ma gietx esebita l-ebda riferta li tindika jekk l-imputati l-ohrajn kinux gew notifikati bid-data ta' din is-seduta. Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 1996, rega' ma deher hadd u fis-seduta tal-21 ta' Frar 1997, deher biss l-imputat Lino Debono. Ma gew esebiti l-ebda riferti fir-rigward tal-imputati l-ohrajn b'referenza ghal dawn iz-zewg seduti. Sussegwentement, fis-seduti tat-12 ta' Mejju 1997, 18 ta' Lulju 1997, 13 ta' Jannar 1998, 3 ta' April 1998, 27 ta' Mejju 1998, 10 ta' Settembru 1998, 20 ta' Novembru 1998, 12 ta' Frar 1999 u 14 ta' Lulju 1999, gie vverbalizzat illi ma deher hadd mill-imputati (u lanqas l-Ufficjal Prosekutur, hlief fis-seduta tat-12 ta' Frar 1999). Jirrizulta biss illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju 1997, deher l-avukat difensur Dr. Pawlu Lia u fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1997, ma gie vverbalizzat xejn ghajr illi b'ordni tal-Qorti l-kawza kienet qeghda tigi differita. Fir-rigward ta' dawn is-seduti ma giet esebita l-ebda riferta tan-notifika tal-imputati.

7. Illi kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Novembru 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti et**, ghalkemm fuq punt differenti, izda waqt li dik il-Qorti, kienet qeghda tittratta dwar il-kontenut ta' verbal:

"*Ir-regola hi li dak li sehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza ... gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet ... din il-Qorti necessarjament trid toqghod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.*"

8. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-verbal ghandu jirrispekkja dak li jkun qieghed isehh matul il-kawza u la darba fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 1997 ma hemm indikat xejn hlief li l-kawza kienet qeghda tigi differita b'Ordni tal-Qorti u ma jirrizultax illi l-imputati fil-fatt kienu dehru, din il-Qorti ma tistax tassumi illi l-imputati dakinhar kienu dehru jew izjed u izjed li kienu gew notifikati sabiex jaghmlu dan.

9. Dan ir-ragunament tal-Qorti isib ukoll konfort fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Abdilla** tas-27 ta' Settembru 2012 (App. Kriminali Nru. 451/2010). F'dak il-kaz, l-Avukat Generali ssottometta illi f'numru ta' seduti, ghalkemm ma kien hemm xejn fil-verbali li jindika li l-imputat kien prezenti, madankollu lanqas kien hemm indikat li kien assenti. In oltre kien deher l-Avukat tal-appellat u ghalhekk, skond l-Avukat Generali f'dak il-kaz, l-appellat zgur li kien mgharraf bl-istess udjenzi, ghaliex altrimenti ma kienx jinkariga lill-Avukat imqabbad minnu sabiex jidher f'ismu u l-istess Avukat ma kienx jiehu l-briga li jidher ghall-klijent tieghu. Skond l-appellant, l-appellat issottometta lilu nniffsu, tramite l-Avukat ta' fiducja tieghu, ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti u d-digrieti u d-decizjonijiet taghha. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk:-

"*Bir-rispett kollu il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Jibda biex jinghad, illi l-obbligu tal-prosekuzzjoni huwa li jinnotifika lill-akkuzat ghal kull differiment illi jkun hemm quddiem il-Qorti Kriminali sakemm ma jirrizultax fil-verbal precedenti li l-Qorti tkun innotifikatu hi stess bis-seduta li jkun imiss. Fl-ebda wahda mid-differimenti li saru f'din il-kawza ma rrizulta dan it-tip ta' notifika. Meta akkuzat ma jidhirx il-Qorti, il-Prosekuzzjoni hija obligata illi tesebixxi r-riferta halli l-Qorti tkun taf x'mizuri ghandha tiehu, d-dehra ta' l-avukat li jitlob diferiment mhijiex notifika skont il-Ligi u lanqas ma tfisser illi l-klijent ikun inkariga lill-avukat biex jidhirlu ...*

*Ghalhekk id-dehra ta' l-avukat waqt seduta ma jfissirx illi l-akkuzat ikun gie notifikat ghal dik is-seduta, l-ahjar prova hija dejjem ir-riferta. Izda l-Qorti ma tistax tassumi xejn u ma tistax tiddeduci n-notifika ta' l-akkuzat sempliciment bil-presenza ta' l-avukat waqt is-seduta ... Fil-waqt illi jista' jkun illi l-akkuzat kien qed ikun notifikat ma hemm l-ebda prova ta' dan u minkejja illi kien qed jidher l-avukat u qed jitlob id-differiment biex*

*tikkawtela l-posizzjoni taghha l-Proskeuzzjoni ghandha dejjem tesebixxi r-riferta xorta wahda.*

*...F'Awla kriminali ma tista' tiddeduci xejn hlief illi ma hemmx prova illi l-appellat kien qed ikun notifikat ghal dawn id-differiment kollha, l-presenza ta' l-avukat tieghu mhijiex bizzejjed u ma tistax tassumi illi kien inkariga lill-avukat biex jidher ghan-nom tieghu ...*".

10. Illi f'dan il-kaz, ghalkemm f'seduta minnhom ossia dik tat-12 ta' Mejju 1997, deher l-avukat difensur, ma jirrizultax illi l-imputati kienu notifikati sabiex jidhru ghal din is-seduta.

11. Illi ghalhekk la darba la jirrizulta illi l-imputati dehru u lanqas li huma gew notifikati mill-prosekuzzjoni sabiex jidhru, tal-inqas mis-seduta tat-12 ta' Mejju 1997 sas-seduta tal-14 ta' Lulju 1999, ghaddew izjed minn sentejn bejn notifika u ohra.

12. Veru illi waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni. Dawn l-emendi fil-fatt dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, bis-sahha tal-Att Nru. III tas-sena 2002. Bis-sahha tal-imsemmi Att, gie mizjud sub-artikolu gdid ghall-Artikolu 687 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond dan is-sub-artikolu:-

"*Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza.*"

13. Illi madankollu jirrizulta car illi l-azzjoni diga` kienet preskritta qabel ma dahlu fis-sehh dawn l-emendi. Kif inghad a propositu, f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmen Said et</u>**, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano:

"*Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta' jekk din id-disposizzjoni l-gdida – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta' Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk <u>qabel</u> l-1 ta' Mejju 2002, l-azzjoni waqghet*

*bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Lewis Cordina****)".*[1]

14. Illi ghalhekk jirrizulta car mill-premess illi l-azzjoni fil-konfront tal-imputati hija preskritta.

15. Ghal kull buon fini, irid jinghad ukoll illi mill-verbali tas-seduti mizmuma bejn l-20 ta' Settembru 2005 u t-30 ta' Gunju 2009, jirrizulta jew illi ma deher hadd, jew illi l-kawza kienet qeghda tigi differita, minghajr indikazzjoni jekk kienx deher xi hadd mill-imputati ghas-seduta, jew inkella li deher biss l-Ufficjal Prosekutur. Dwar l-ebda wahda minn dawn is-seduti, ma gew esebiti riferti tan-notifika tal-imputati u ghalhekk kien hemm perjodu ta' tlett snin u disa' xhur fejn ma jirrizultax illi l-imputati dehru jew gew notifikati.

16. Illi ghalkemm kif inghad izjed il'fuq waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni u dan fl-1 ta' Mejju 2002, m'hemm l-ebda dubju illi stante illi r-reat allegatament kommess mill-imputati sehh fi zmien meta ma kinitx ghadha dahlet fis-sehh id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9, ghandha tapplika ghalhekk dik il-ligi li kienet fis-sehh qabel l-imsemmija emendi, liema ligi naturalment kienet izjed favorevoli ghall-imputati (dwar dan il-punt, a skans ta' ripetizzjoni zejda, ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Pisani**). Din il-konkluzjoni giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Sant Hill**, fejn dik il-Qorti rriteniet hekk:

"*Ma hemmx dubju li l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 fuq imsemmija, ma japplikawx ghal kaz tal-appellant peress illi l-akkuzi jirrisalu qabel ma dahlet in vigore dik il-ligi.*

*F'Awwissu tal-2001 kien biss l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li kien jittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, f'liema kaz kienu d-decizjonijiet biss*

[1] Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984, irriteniet illi "*Dan mhux kaz fejn l-azzjoni kienet ga preskritta anke in parti meta tbiddlet il-ligi u ghalhekk l-argument ta' l-imputat hu bla valur*". F'dak il-kaz, il-Qorti wkoll ghalhekk ikkonkludiet illi la darba azzjoni tkun preskritta, l-emendi li jigu wara jkunu bla effett.

*illi ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien. Ma jghid xejn dwar il-procedimenti.*

*Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ghandu ragun u l-akkuzi kellhom ikunu dikjarati preskritti…*".

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda tiddikjara l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati bhala preskritta u konsegwentement qeghda tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------